KLR 18/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Marcell Tabone u Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Joseph Debrincat u Maria Portelli.

**18.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**18.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet Numri 6 u 7 ġew imressqa mill-Kunsillier Buttigieg u ssekondati mis-Sindku u l-membru Marcel Tabone rispettivament.

**Mozzjoni Numru 6**

**Qed nitlob biex fin-niżla, int u nieżel għall-knisja tal-Lunzjata, jsiru żewġ bozoz minħabba li ma hemmx bozza waħda u hemm dlam ċappa li lanqas tara timxi. It-triq hija frekwentata ħafna. Fin-niżla hemm fejn jeħlu dawn il-bozoz u hemm kanni tal-Enemalta twal biżżejjed. B'hekk ma neħlux spejjeż t'arbli ġodda. Jistgħu ukoll jintużaw il-bozoz li m'għadhomx jintużaw fi Pjazza San Franġisk**

Il-membri qablu.

**Mozzjoni Numru 7**

**Wara li jien u l-Perit Edward Scerri għamilna *site inspection* fil-*playing field* taċ-Ċawla minħabba li wrejtu l-ispazju li hemm biex isir l-*outdoor gym*, u li jidher li hemm spazju enormi fejn jista jsir, tkellimna wkoll fuq l-istat li dan il-*playing field* jinsab fih illum.**

**Il-Perit issuġġerixxa li bħala Kunsill għandna fondi bizzejjed mill-*Urban Improvement Fund* (UIF) fejn nistgħu nutilizzaw minnhom biex nagħmlu *refurbishment* tal-*playing field*. Fil-preżent kull ma hemm huma żewġ bandli. Nistgħu nżidu xi ħaġa oħra magħhom ħalli jkun aktar attrezzat u jieħu dehra oħra la darba jiġi nstallat dan il-*gym*.**

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara jekk milll-fondi tal-*Urban Improvement Fund* (UIF) tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar ikunx possibli isir dan ix-xogħol.

Mozzjoni Numru 8 ġiet imressqa mill-Kunsillier Marcel Tabone.

**Mozzjoni Numru 8**

***Multi Purpose Hall***

**Qiegħed inressaq din il-mozzjoni sabiex il-Kunsill jibda' l-proċess mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex tinbena *Multi Purpose Hall* fil-*Playing Field.***

Tabone ressaq pjanta tal-*playing field* li tinsab fi Triq taħt Putirjal. F'din il-pjanta hemm parti li għad mhix irranġata minn naħħa tal-Kunsill pero' hi devoluta lill-Kunsill. Qedgħa tmiss mal-parti li dan l-aħħar ġiet devoluta lill-S.K.Victoria Wanderers. Hu spjega li l-Kunsill għandu jkollu sala fejn fiha jkun jista' jlaqqa' n-nies sabiex isiru attiviajiet, laqgħat, eċċ.

Is-Sindku qal li iva din l-biċċa qatt ma ġiet irranġata mill-Kunsill. Fir-rigward jekk għandux isir bini ta' sala, l-Kunsill irid jara jekk hux vijabbli li tiġi żviluppata kif qed jiġi propost f'din il-mozzjoni.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx użu għal din is-sala u jekk hemmx finanzi sabiex tinbena u tinżamm kif suppost. Tenna li fl-ewwel laqgħa ta' dan il-Kunsill, l-ewwel li ġie diskuss kien in-nuqqas ta' finanzi.

Tabone tenna li l-Kunsill għad m'għandux sala li hi aċċessibli minn kulħadd fejn fiha jista' jlaqqa n-nies.

Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux fondi sabiex jidħol għal dan il-proġett imma qal li għandna naraw li din tiġi żviluppata b'mod li tkun amalgamata mal-*playing field* u ma tibqax mitluqa.

### 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li attenda għat-tnedija tal-proċess ta' interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Il-Kunsillier Ħili kien preżenti wkoll għal din it-tnedija. L-Aġenzija Kultuali għall-Belt Valletta (*Valleta Cultural Agency*) ser tieħu ħsieb dan il-proċess. Fl-ewwel fażi jridu jiġu sottomessi proposti lokalment minn lokalitajiet permezz ta' Espressjoni ta' Interess sottomessa mil-Kunsilli Reġjonali nteressati. Dan il-proċess ser jieħu bejn Jannar u Marzu 2021.

18.3.2 Rigward it-traffiku tqil waqt li jkunu deħlin jew ħerġin it-tfal mill-iskola tal-Vajrinġa, s-Sindku qal li tkellem ma *Transport Malta* (TM) u jidher li l-problema hi li bħalissa hemm Triq l-Imgħallem magħluqa li toħloq diffikulta sabiex ikun hemm triq alternattiva għal dawn il-vetturi tqal. TM ser tipprova tavża sidien ta' vetturi tqal biex minn salib it-toroq, minflok jgħaddu lejn Triq Putirjal, jgħaddu mit-Triq ta' Wara s-Sur. Din il-prova għandha tibda wara l-vaganzi tal-

Milied. TM issuġġeriet ukoll li sakemm joħorġu t-tfal mill-iskola dawn il-vetturi tqal jistgħu jinżammu jistennew fi Triq Għajn Qatet.

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li dan l-ilment kien ressqu lill-Ministru għal Għawdex u qed jinnota bi pjaċir li qed tittieħed azzjoni.

18.3.3 Rigward ic-*CCTV cameras* li saru fuq il-*bring-in site* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus* is-Sindku qal li sar avvanz kbir u r-rimi ta' skart illegali naqas drastikament. Il-problema tfaċċat band' oħra minħabba l-fatt li issa żdied ir-rimi fil-parkeġġ iż-żgħir ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier u fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla. Issuġġerixxa li jinżabbru s-siġar tal-ballut li hemm fil-parkeġġ il-kbir minħabba li l-fergħat tas-siġar qed idallmu xi ftit matul il-lejl. Il-membri qablu li ssir applikazzjni għal dan iż-żbir mal-PA.

### 18.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

18.4.1 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward:-

i) l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2021 li ser tkun €633,308 u €10,000 li hu l-fond allokat għall-bliet, b-total ta' €643,308; (€13,870 aktar mill-2020);

ii) addendum fir-*risk assessment* tal-*playing fields* madwar Malta u Għawdex;

iii) il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-membri qablu li għandu jerġa jkun Joebert Galea.

18.4.2 il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-xogħol rigward nomina ta' 5 persuni għall-proġett – 'Celebrating Our Locality's Sportspersons'. Il-Kunsill innomina lill- Tony Grech, George Vella Muskat, Mark Buttigieg, Brian Azzopardi u Paul Galea;

18.4.3 id-Direttorat tas-Saħħa ta' l-Animali rigward skema ta' *neutering* tal-qtates;

18.4.4 il-Kunsillier Hili fejn issuġġerixxa li t-triq ta' bejn l-iskejjel sekondarji li jinsabu fi Triq Fortuanto Mizzi tissemma Triq Duminku Mintoff. Il-membri qablu;

18.4.5 Michael Formosa, *Project Leader* – GAG3/2020/001 – 'Gozitan Attractions and Innovative Events for all Seasons'. Il-membri ġew mgħarrfa li dan il-proġett ġie aċċettat mill-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF). Il-Kunsill hu partner f'dan il-proġett;

18.4.6 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fejn William Caruana ta' 22-24 Triq Sant'Orsola, rrefera għall-*double yellow lines* u *Keep Clear* li saru qrib id-dar tiegħu. Dan ircieva numru ta' ċitazzjonijiet minħabba dawn is-sinjali u qed jgħid li saru mingħajr permess. Ir-risposta ta' l-Avukat ta-Kunsill kienet li barra li din hi triq arterja dawn ma sarux b'talba jew ordni tal-Kunsill u l-Kunsill m'għandu ebda' konnessjoni max-xogħolijiet imsemmija.

18.4.7 Il-membri kienu ġew mgħarrfa li l-Onor. Joseph Ellis ressaq mistoqsija parlamentari li kienet tgħid hekk:- PQ 17726. L-Onor. Joseph Ellis staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Għawdex jieħu miżuri sabiex titranġa Triq ir-Repubblika ħdejn Pjazza Indipendenza u Triq Sir Adrian Dingli peress li l-kubetti tal-porfido li tqiegħdu xi snin ilu jeħtieġ li jinqalgħu u jitqiegħdu mill-ġdid minħabba l-istat ta' dawn it-toroq?

Ir-risposta tal-Kunsill kienet din:-

Il-Kunsill Lokali Rabat, Citta' Victoria qiegħed f'kuntatt mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru x-xogħolijiet li hemm bżonn.

**18.5 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall:-

18.5.1 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal-sena quddiem ir-residenza ta' Doris Azzopardi, Blk H, Bieb B, Flat 1, Triq taċ-Ċawla;

18.5.2 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' Kylan Ballucci, 6A, 'Hail Mary', fi Pjazzetta fuq it-Tomba;

18.5.3 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 15, Triq San Ġwann Bosco;

18.5.4 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'Marija', fi Triq l-Ewropa;

TM ma ħarġitx permess għall-

18.5.5 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' Francesco Cassar, 'Xambekk Crt.', Flat H, fi Triq Wied Sara, minħabba li ma hemmx vettura rreġistrata fuq dan l-indirizz;

18.5.6 *un/laoding bay* quddiem 'Abela's Pharmacy' fi Triq Gorg Borg Olivier, peress li spiżeriji mhumiex intitolati għall-kaxxa *un-loading*.

Korrispondenza relatata mat-traffiku

Tressqet korrispondenza mingħand:-

18.5.7 Dr Deborah Camilleri minn TM rigward *traffic calming measures* għall-Triq Pompei. TM qed tissuġġerixxi li jsiru żewġ *road humps* tal-konkos li jkunu twal 3.7 m biex ma jagħmlux storbju. Il-membri jaqblu li jsiru miżuri sabiex titnaqqas l-velocita' fis-sewqan, pero' l-ewwel iridu jaqblu r-residenti li quddiem id-djar tagħhom ikunu ser isiru r-*road humps*;

18.5.8 Dr Franco Mercieca, dentist, talab permess għall-parkeġġ riservat quddiem il-klinika tiegħu fi Pjazza President J. F. Kennedy. Intalab il-parir ta' TM;

18.5.9 il-Perit Ray. G. Agius kiteb għan-nom ta' Vittoria Cervellati u Luciano Migiliano li joqgħodu fi Triq il-Kastell. Dawn issuġġerew li jsiru *traffic calming measures* f'din it-triq. Il-membri qablu li jsiru *slow signs* u tabelli li jindikaw l-limitu tal-veloċita' li bih tista' ssuq f'din it-triq;

18.5.10 Francis Rivera, resident fi Triq l-Assunta li ssuġġerixxa li jsiru diversi miżuri biex din it-triq tkun iktar sigura għall-pedonali. Il-membri qablu li jsiru tabelli li jindikaw l-limitu tal-veloċita' li bih tista' ssuq f'din it-triq.

**18.6 Xogħlijiet tal-Kunsill**

18.6.1 Id-Direttur Vicky Xuereb minn Eko-Għawdex talbet lill-Kunsill massimu ta' tlett toroq residenzjali li hemm bżonn li fihom isir tarmak ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill Eko-Għawdex li din il-materja ġiet diskussa waqt laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru għal-Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri. Waqt din il-laqgħa ssemma dan ix-xogħol:-

i) il-Kunsill ħareġ l-offerti sabiex isir tarmac fi Triq Ġorġ Pisani. Il-Ministeru għal Għawdex kien għadda l-fondi għal dan ix-xogħol liema xogħol ma sarx minħabba li meta kien ser jinbeda, nħolqu problemi fuq fejn għandu jaqa' l-ilma tax-xita. Waqt il-laqgħa mal-Ministru Camilleri, rriżulta li l-Ministeru għal Għawdex ser jiftaħ triq ġdida li minn Triq Ġorġ Pisani tieħdok dirett fit-triq ta' Marsalforn, u għalhekk Triq Ġroġ Pisani ser issir mill-Ministeru.

ii) waqt din il-laqgħa sar qbil li bil-fondi ta' Triq Ġorġ Pisani l-Kunsill ikun jista' jagħti t-tarmac fi Triq Sir Arturo Mericieca li sar fiha ħafna ħsara minħabba li t-traffiku fiha żdied waqt li kien qed isir ix-xogħol fi Pjazza San Franġisk;

iii) il-Kunsill għarraf lill-Eko-Għawdex li jixtieq jgħati tarmak ġdid fit-Telgħa ta' Majru u jaħdem fuq *water culvert* ġdid u llivellar ta' Triq Wied il-Lunzjata u Triq Kerċem (arterja).

iv) Triq Wied Sara ser issir mill-Minsiteru għal Għawdex;

v) Eko-Għawdex ġie nfurmat ukoll li fl-2018 il-Kunsill kien applika sabiex jakkwista fondi mill-PA mill-*Urban Improvement Fund* (UIF) biex jingħata wiċċ ġdid fi Pjazza Santu Wistin pero' l-fondi qatt ma ġew approvati u l-permess tax-xogħol ma ħariġx mill-PA.

18.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-Kunsill daħħal il-fondi (€4,389.60) mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-fond offrut mill-LESA. Dan kien ikopri x-xogħol ta' kisi mil-ġdid ta' Sqaq 1 fi Triq G.P. Agius De Soldanis. Il-Kunsill għadu jista' jipproponi proġett li ma jaqbiżx l-€2,627.80 minn dan il-fond.

**18.7 *Performance Bonus***

Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*performance bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din l-*item* s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra.

Waqt li kien qed jiġi diskuss il-*performance bonus* tal-iskrivana Georgene Farrugia, il-membru Tabone ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress.

**18.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

18.8.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2020 skond dokumenti A u B annessi.

18.8.2 Wara li ttieħed il-parir tal-Avukat kif mitlub mill-Kunsill, il-membri qablu li l-Kunsill iħallas parti (€11,700) minn dak li kien baqa' pendenti fuq ix-xogħol ta' tarmak ta' Triq il-Mitħna, liema xogħol kien sar fl-2007. Ma kienx tħallas kollu peress li kienu nbdew proċeduri legali kontra Gatt fir-rigward ta' inċident li seħħ meta kien qed isir xogħol ta' tarmak fi Triq it-8 ta' Diċembru. Fir-rigward ta' Triq il-Mitħna, il-Kunsill s'issa kien ħallas €70,200 u baqalu jħallas €24,519. Il-membri qablu li jħallu parti mhux imħallsa peress lil-Perit għadu jrid jiċċertifika dan ix-xogħol.

**18.9 Xogħlijiet oħra**

18.9.1 L-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) ħarġet il-permessi neċessarji sabiex jinżabbru s-siġar ta' quddiem l-iskola tal-Vajringa u s-siġar taż-żebbuġ ta' fuq iz-zuntier tal-Kunvent tal-Kapuċċini.

18.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lilll-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-*Outdoor Gym* kif propost li jsir fil-*playing field* f'taċ-Ċawla H.E. L-iskema ġiet imnehdija mill-Ministeru għal Għawdex.

Il-membri qablu li:-

18.9.3 Il-Laqgħa tal-Lokalita' ssir *online* nhar il-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2021 fis-18:00. (Direttiva 7/2020).

18.9.4 jinbeda l-proċess għall-skrivan ġdid *full-time*. Dan wara li Odette Camilleri ma baqgħetx taħdem f'dan il-Kunsill;

18.9.5 wara l-festi tal-Milied jitneħħew il-*wires* u l-bozoz li m'għadhomx jintużaw minn mas-siġar tat-Tokk;

18.9.6 jinbidel *seat* ta' bandla li nkiser fil-*playing field* taċ-Ċawla H.E.;

18.9.7 jitpoġġa *dog litter bin* fi Triq Qasam San Ġorġ biswit l-aħħar binja, qrib il-*bus stop*;

18.9.8 issir bozza temporanja sakemm jinbena l-bini fi Triq Santa Dminka kantuniera ma Triq Patri Anton Debono.

**18.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 28 ta'Jannar, 2021 fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |